ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 29 IT-TNEJN, 8 TA' MEJJU 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar – Sindku
Jesmond Aquilina – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Bjorn Azzopardi – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Renald Falzon – Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

Mattea Sghendo – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ippresjediet il-laqgħa.

Is-Sindku bdiet billi qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**29/01** **QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**29/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Robert Reno Cremona li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba impenji ta' xogħol, kif ukoll ta' Renald Falzon li ma setax jattendi minħabba li kien ma jiflaħx. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza ta' dawn iż-żewġ kunsilliera kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

.

**29/02/01** **KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 28**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 28 li nżammet nhar it-Tlieta 25 ta' April 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 28 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**29/03** **KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**29/03/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** xtaqet tagħmel ringrazzjamenti speċjali lill-Kunsilliera u lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-istaff tal-Kunsill tal-ħidma tagħhom tul il-ħames snin li għamlet fil-kariga ta' Sindku, u dan fl-eventwalita' li hija tiġi eletta Membru Parlamentari fl-elezzjonijiet ġenerali li se jinżammu fit-3 ta' Ġunju, fejn f'dak il-każ din setgħet tkun l-aħħar laqgħa tagħha bħala Sindku. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet li f'dik l-eventwalita' se tħalli Kunsill magħqud u b'saħħtu finanzjarment wara li rnexxielha ġġib il-finanzi tal-Kunsill fis-sod u b'għaqal kbir saret ħidma intensiva biex għandna lokalita' isbaħ u aħjar. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li hi ppruvat tgħin lill kulħadd lil hinn mill-kulur politiku jew ta' twemmin ta' festi, saħqet biex il-kunsilliera għandhom ikomplu jiġbdu ħabel wieħed. Hija kompliet tawgura lis-Sindku eventwali

suċċessur biex ikompli fuq din il-ħidma u jitkomplew il-proġetti tal-Parking Sensors, tal-pavimentar ta' quddiem il-Pjazza tal-Knisja ż-żgħira ta' San Sebastjan, u l-proġett tal-Wied/Valletta Road. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** wieġeb li f'dik l-eventwalita' huwa se jkun qed ikompli fejn ħalliet hi u l-proġetti li bdew se jitkomplew għal ġid ta' Ħal Qormi. **Il-Kunsillier Ralph Puli** tkellem f'isem il-kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista, u awgura lis-Sindku Rosianne Cutajar kull suċċess biex Ħal Qormi jkollu membru parlamentari ieħor mill-lokalita'.

**29/03/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħol tar-restawr fuq il-Madonna f'tal-Blat beda u għandu jitlesta sal-aħħar ta' Ġunju.

**29/03/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-programm ta' Jum Ħal Qormi kif ippropost mill-Għaqda Socjo-Mużikali Anici peress li din is-sena qed isir bil-kollaborazzjoni tagħhom. Din is-sena l-attivita' se tixxandar live fuq il-midja soċjali. Il-Kunsill approva il-programm b'mod unanimu.

**29/03/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ġie ffirmat il-kuntratt tal-installazzjoni tal-Smart Parking Technology u għandu jibda' l-proġett fil-ġranet li ġej. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li se jiġi ffilmjat feature dwar kif taħdem din is-sistema biex jingħata għarfien dwarha.

**29/03/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett tal-pont jinsab fl-aħħar stadju tiegħu fejn jonqos li jsir il-lift. Il-Kunsill se jkun qed jagħmel plakka fil-memorja taż-żewġ tfajliet li sfaw vittma, Graziella Fenech u Emma Housley, li għalihom se jiġi ppropost biex l-pont jissemma' għalihom f'din il-laqgħa stess.

**29/03/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza dwar multi li ngħataw lill-persuna li d-dettalji jinsabu f' **DOK A** sabiex jitneħħew ladarba dawn ingħataw bi żball kif maħluf fl-affidavit anness. Il-Kunsill approva.

## 29/04 RAPPORTI

### 29/04/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦALL-EWWEL KWART SAL-31 TA' MARZU 2017

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega dan ir-Rapport .Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li fl-ewwel tlett xhur tas-sena il-Kunsill zżamm mal-

estimi. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena 2017.**DOK "B1-2"**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi approvat ir-Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart sal-31 ta' Marzu 2017

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni**.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**29/05 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**29/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-BORD DWAR L-ATTIVITAJIET KULTURALI, SPORTIVI U TAĦRIĠ MTELLA' B'KOLLABORAZZJONI MAL-GĦAQDIET LOKALI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq r-rapport tal-Bord dwar Attivitajiet kulturali, Sportivi u ta' taħriġ li se jittellgħu mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet lokali, fejn liema rapport qed jalloka fondi għal kull attivita'.

**DOK 'C'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova r-rapport li jindika l-allokazzjoni ta' fondi għall-kull attivita' għall-perjodu ta' tlett snin 2017-2019 (jiġġedded annwalment).

**Il-Kunsill kollu** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni.

**29/06 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' APRIL 2017**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2017, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' April 2017
**b)** *Bank Payments* April 2017
**c)** *Petty Cash* April 2017

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa’** il-Kunsillier (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**29/07 MOZZJONIJIET**

**29/07/01 MOZZJONI 50/2017 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Wara li pproponejt lill-Ministru responsabbli mill-proġett tal-bini tal-Pont fil-Bypass tal-Imrieħel*

*Nipproponi b’mod formali lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq biex il-pont imsemmi hawn fuq jissemma*

*Pont Graziella Fenech u Emma Marie Housley*

*Peress li dawn iż-żewġ tfajliet qriema ħallew ħajjithom proprju minħabba ma kienx hemm post minn fejn setgħu jaqsmu t-triq b’mod sigur;*

*Peress li l-idea tal-pont nibtet proprju wara din it-traġedja ta’ dawn iż-żewġ tfajliet;*

*Sabiex jibqgħu tiġi mfakkra il-mewt tagħhom*

*Għaldaqstant nipproponi sabiex il-Kunsill jirrakkomanda lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq biex dan il-pont ikun imsemmi Pont Graziella Fenech u Emma M. Housley.*

**Il-Kunsilliera kollha** issekondaw l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni nru 50/2017 fejn għaldaqstant il-Kunsill għandu jibgħat din ir-rakkomandazzjoni lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq għall-approvazzjoni.

**29/08 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 12 ta' Ġunju 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-7:55 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Iffirmati** | **iffirmati** |
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti kkonfermati llum **it-Tnejn, 12 ta' Ġunju** 2017.